# KUNSILL LOKALI
# IL-MUNXAR

# RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2019

## WERREJ


| | |
|---|---|
| REVIŻJONI TAX-XOGĦLIJIET | 1-4 |
| IL-KUNSILL | 5-6 |
| VARJAZZJONIJIET FID-DĦUL U L-INFIQ | 7-9 |
| DIKJARAZZJONI RIKONĊILJATORJA BANKARJA | 10 |
| IR-RAPPORT TAL-UDITURI U D-DIKJARAZZJONIJIET FINANZJARJI | |


*Ippreparat minn Ryan Debrincat*

## *1. Reviżjoni tax-Xogħlijiet*

Ser inkunu qed nagħtu ħarsa lejn ix-xogħol u l-progress li għamel il-Kunsill Lokali Il-Munxar matul l-aħħar sena ta' ħidma. Dan ir-Rapport Amministrattiv hu għas-sena 2019.

### OFFERTI GĦAL XOGĦLIJIET, MATERJAL U SERVIZZI

Matul is-sena 2019, ġew ippubblikati dawn is-sejħiet għall-offerti:

- Xogħol ta' restawr ta' xelter fil-Munxar;
- Servizz għal xogħol ta' manutenzjoni u tindif ġenerali;
- Servizz għall-ġbir ta' skart goff;
- Servizz għall-ġbir ta' skart domestiku u dak organiku;
- Kuntratt perjodiku għal xogħlijiet ġenerali tat-toroq;
- Servizz ta' *Contracts Manager*;
- Provvediment u installazzjoni ta' fanali dekorattivi fix-Xlendi.

### IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

Bħal kull Kunsill Lokali ieħor f' Malta u f'Għawdex, il-Kunsill tal-Munxar huwa responsabbli minn diversi funzjonijiet obbligatorji u dawn huma fost l-oħrajn:

- Il-ġbir tal-iskart domestiku, riċiklabbli u tal-ħġieġ bieb bieb;
- Servizz ta' ġbir tal-iskart goff;
- *Bring-in site* għas-separazzjoni tal-iskart fix-Xlendi;
- It-tindif u ż-żamma fi stat tajjeb tat-toroq, il-latrini pubbliċi, il-ġonna u l-postijiet ta' rikreazzjoni, is-sinjali u l-marki tat-traffiku;
- It-tiswija tal-lampi tat-toroq;
- Ippropona lill-awtoritajiet kompetenti biex isiru xogħlijiet u proġetti kif ukoll estensjoni ta' xi servizzi fil-lokalita`;
- Organizzazzjoni ta' attivitajiet kulturali, sportivi u edukattivi;
- Tħaris tal-ambjent naturali u urban tal-lokalità.

**ĦIDMA SOĊJALI**

Ser insemmu wħud mill-attivitajiet li ġew organizzata fil-qasam soċjali:-

- Ipparteċipajna fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu li saret fil-komunita` tax-Xlendi;
- Attivita` tal-Karnival fil-Munxar;
- Sehem fl-attivitajiet tal-'Gozo Alive';
- Fix-xhur tas-sajf, ġew organizzati diversi attivatijiet soċjo-kulturali fix-Xlendi;
- Tellajna bil-kollaborazzjoni tal-Parroċċa u għaqdiet tal-lokalita` programm ta' attivitajiet fl-okkażjoni tal-festa ta' San Pawl fil-Munxar;
- Fakkarna Jum Il-Munxar, it-12 ta'Diċembru. Saret quddiesa fil-Knisja Parrokkjali tal-Munxar u ċerimonja ta' tifkira bis-sehem ta' D Capitals Band. Din is-sena, il-premju Ġieh Il-Munxar ingħata lis-Sur George Calleja flimkien mas-Sur Joseph Sultana;
- Diversi ħarġiet kulturali f'Malta u f'Għawdex għan-nies u t-tfal tal-lokalita`.
- Servizz ta' tilqim tal-labra tal-influwenza;
- Organizzajna *Keep Fit* u *Yoga Classes* fiċ-Ċentru Parrokkjali;
- *Streaming* tal-laqgħat *online*;
- Saret il-ġostra tradizzjonali fil-bajja tax-Xlendi;
- Tiżjin tal-Milied fit-toroq tal-Munxar u tax-Xlendi;
- Ħadna sehem f'Pink October billi ġie mixgħul il-*playingfield* bil-kulur roża;
- Preżentazzjoni u pariri personalizzati rigward *healthy lifestyle*;
- Ġiet organizzata World Clean Up Day fejn tnaddfu diversi postijiet madwar il-lokalita';
- Esebizzjoni rigward il-fdalijiet ta' żmien il-Feniċi li jinsabu f'qiegħ il-baħar tax-Xlendi permezz ta' teknoloġija awdjo-viżiva;
- Organizzajna għall-ewwel darba b'kollaborazzjoni mal-għaqdiet tal-Parroċċa, Christmas Market fil-Pjazza tal-Knisja;
- Assistejna għal edizzjoni oħra tax-Xlendi Ceramics Festival;

**PROĠETTI U XOGĦLIJIET OĦRA**

- *Planters* ġodda fil-Pjazza tal-Knisja;
- Ingħata bidu għall-proġett ta' Triq il-Munxar fejn ser isir wiċċ ġdid u jinbiddlu s-servizzi tal-ilma;
- Żbir ta' diversi siġar fil-lokalita';
- Xogħol ta' tindif fil-Wied tax-Xlendi;
- Installazzjoni ta' *bus shelter* ġdida fid-daħla tal-Munxar;
- Ittieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex il-Kunsill jissalvagwardja l-interessi tar-residenti tal-lokalita' billi oppona għall-applikazzjoni ta' bini ta' demmiela fil-Munxar;
- Kostruzzjoni ta' diversi bankini fil-Munxar u fix-Xlendi;
- Bdilna għadd ta' tabelli tat-traffiku u ta' informazzjoni u saru oħrajn ġodda;
- Bdilna diversi mirja tat-traffiku miksura u waħħalna oħrajn ġodda;
- Waħħalna numru ta' bankijiet u *litterbins* ġodda fil-Munxar u fix-Xlendi;
- Fuq talbiet ta' residenti, waħħalna numru ta' bozoz ġodda;
- Ipprovdejna l-materjal li kien hemm bżonn biex saru x-xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-bajja tax-Xlendi mill-ħaddiema tal-Beach Cleaning Section;
- Qtugħ ta' ħaxix madwar il-lokalita';
- Ġiet installata tinda ġdida għall-*pitch* tal-boċċi;
- Sar diversi xogħol ta' *patching* fil-Munxar u fix-Xlendi.

Dawn ix-xogħlijiet huma biss uħud mix-xogħlijiet li l-Kunsill Lokali Il-Munxar kien impenjat jaħdem fuqhom matul din l-aħħar sena ta' ħidma. Nemmnu li dawn ix-xogħlijiet u oħrajn għenu biex kompla jitjieb l-ambjent kemm fil-Munxar kif ukoll fix-Xlendi.

Signed
**Damien Spiteri**
**Sindku**

Signed
**Ryan Debrincat**
**Segretarju Eżekuttiv**

# ATTENDENZA FIL-LAQGĦAT

## KUNSILL LOKALI Il-MUNXAR

| Pożizzjoni | Attendenza tal-Laqgħat |
|---|---|
| **Sindku** | |
| Sonya Abela (Jannar-Mejju) | 100% |
| Damien Spiteri (Lulju-Diċembru) | 100% |
| **Viċi-Sindku** | |
| Juliet Rose Attard (Jannar-Mejju) | 88% |
| Carmela Parnis (Lulju-Diċembru) | 100% |
| **Kunsilliera** | |
| Damien Spiteri (Jannar-Mejju) | 100% |
| Paul Curmi (Jannar-Mejju) | 63% |
| Sonja Abela (Lulju-Settembru) | 0% |
| Joseph Cauchi (Jannar-Diċembru) | 100% |
| Mark Busuttil (Lulju-Diċembru) | 71% |
| Juliet Attard (Novembru-Diċembru) | 100% |
| **Segretarju Eżekuttiv** | |
| Anthony Grech | |

## *3. Varjazzjonijiet Fid-Dħul u l-Infieq*

### 3.1 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet Konsolidati tad-Dħul u l-Infiq

| | a | b | c | a-b/b-a | a-c/c-a |
|---|---|---|---|---|---|
| DESKRIZZJONI | 2019 ATTWALI € | 2019 BUDGET € | 2018 ATTWALI € | 2019 BUDGET VAR € | 2019 ATTWALI VA €|
| **Dħul** | | | | | |
| Tal-Gvern | 279,434.00 | 279,147.00 | 267,609.00 | 287.00 | 11,825. |
| Bye-laws | 31,792.00 | 10,000.00 | 19,215.00 | 21,792.00 | 12,577. |
| Investiment | 2.00 | 50.00 | 2.00 | (48.00) | |
| TOTAL | **311,228.00** | **289,197.00** | **286,826.00** | **22,031.00** | **24,402.** |
| **Infieq** | | | | | |
| Salarji u Pagi | 84,315.00 | 89,427.00 | 70,165.00 | 5,112.00 | (14,150.0 |
| Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 223,979.00 | 179,415.00 | 158,222.00 | (44,564.00) | (65,757.0 |
| Infieq Kapitali | 43,208.00 | 59,000.00 | 1,324.00 | 15,792.00 | (41,884.0 |
| TOTAL | **351,502.00** | **327,842.00** | **229,711.00** | **(23,660.00)** | **(121,791.0** |
| **Bilanċ** | **(40,274.00)** | **(38,645.00)** | **57,115.00** | **(1,629.00)** | **(97,389.0** |

## 3. Varjazzjonijiet Fid-Dħul u l-Infieq

### 3.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul fid-Dettall

| DESKRIZZJONI | a<br>2019<br>ATTWALI<br>€ | b<br>2019<br>STIMA<br>€ | c<br>2018<br>ATTWALI<br>€ | a-b<br>2019<br>BUDGET VAR<br>€ | a-c<br>2019<br>ATTWALI VAR<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|
| **Dħul** | | | | | |
| Tal-Gvern | | | | | |
| Annwali | 267,147.00 | 267,147.00 | 253,270.00 | | 13,877.00 |
| Supplimentari | 12,287.00 | 12,000.00 | 14,339.00 | | (2,052.00) |
| Bżonnijiet Speċjali | | | | | |
| Entitajiet Pubbliċi/Governattivi | | | | | |
| Oħrajn | | | | | |
| | **279,434.00** | **279,147.00** | **267,609.00** | **436,598.50** | **11,825.00** |
| Bye-Laws | | | | | |
| Servizzi Komunitarji | 6,016.00 | 3,500.00 | 5,285.00 | 2,516.00 | 731.00 |
| Kontravvenzjonijiet ta' bye-laws | 653.00 | 500.00 | 586.00 | 153.00 | 67.00 |
| Kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet | | | | | |
| Ġenerali | 25,123.00 | 6,000.00 | 13,344.00 | 19,123.00 | 11,779.00 |
| | **31,792.00** | **10,000.00** | **19,215.00** | **21,792.00** | **12,577.00** |
| Investiment | | | | | |
| Interess Bankarju | 2.00 | 50.00 | 2.00 | (48.00) | |
| Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | **2.00** | **50.00** | **2.00** | **(48.00)** | |
| **TOTAL** | **311,228.00** | **289,197.00** | **286,826.00** | **458,342.50** | **24,402.00** |

## *3. Varjazzjonijiet Fid-Dħul u l-Infieq*

### 3.2L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-Dettall

| | a | b | c | b-a | c-a |
|---|---|---|---|---|---|
| DESKRIZZJONI | 2019 ATTWALI € | 2019 STIMA € | 2018 ATTWALI € | 2019 BUDGET VAR € | 2019 ATTWALI VA € |
| **Infçq** | | | | | |
| Salarji u Pagi | | | | | |
| Onorarja tas-Sindku | 9,354.00 | 7,900.00 | 6,842.00 | (1,454.00) | (2,512.0 |
| Salarji u pagi ta' l-impjegati | 54,933.00 | 60,000.00 | 48,101.00 | 5,067.00 | (6,832.0 |
| Bonus | 5,012.00 | 6,000.00 | 4,841.00 | 988.00 | (171.0 |
| Dħul Supplimentari | 293.00 | 727.00 | 293.00 | 434.00 | |
| Kontribuzzjonijet ta' Sigurta Soċjali | 5,043.00 | 5,800.00 | 4,455.00 | 757.00 | (588.0 |
| 'Allowances' | 9,500.00 | 9,000.00 | 5,633.00 | (500.00) | (3,867.0 |
| 'Overtime' | 180.00 | | | (180.00) | (180.0 |
| | **84,315.00** | **89,427.00** | **70,165.00** | **5,112.00** | **(14,150.0** |
| Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | | | | | |
| Dawl, ilma, telefon,etc. | 3,324.00 | 7,500.00 | 4,072.00 | 4,176.00 | 748. |
| Xiri ta' Materjal (Materials & Supplies) | 1,905.00 | 2,000.00 | 1,369.00 | 95.00 | (536.0 |
| Tiswijiet u manutenzjoni | 71,809.00 | 38,000.00 | 19,393.00 | (33,809.00) | (52,416.0 |
| Kera | 3,775.00 | 3,700.00 | 4,645.00 | (75.00) | 870. |
| Sħubija f'Assoċjazzjonijiet Int. | 998.00 | 550.00 | 500.00 | (448.00) | (498.0 |
| Spejjeż tal-Uffiċċju | 2,855.00 | 5,000.00 | 2,551.00 | 2,145.00 | (304.0 |
| Trasport | 3,174.00 | 1,500.00 | 1,102.00 | (1,674.00) | (2,072.0 |
| Vjaġġar/safar | 233.00 | | | (233.00) | (233.0 |
| Informazzjoni għall-Pubbliku | 54.00 | 900.00 | 75.00 | 846.00 | 21. |
| Servizzi b' Kuntratt | 71,809.00 | 73,065.00 | 72,072.00 | 1,256.00 | 263. |
| Servizzi Professjonali | 12,517.00 | 18,000.00 | 19,851.00 | 5,483.00 | 7,334. |
| Training | 215.00 | 900.00 | | 685.00 | (215.0 |
| Ospitalita u servizzi lill-Komunita` | 50,780.00 | 21,000.00 | 32,592.00 | (29,780.00) | (18,188.0 |
| Spejjeż Inċidentali | 531.00 | 7,300.00 | | 6,769.00 | (531.0 |
| | **223,979.00** | **179,415.00** | **158,222.00** | **(44,564.00)** | **(65,757.0** |
| Infieq Kapitali | | | | | |
| Xiri ta' proprjeta` | | | | | |
| Bini | | | | | |
| Titjib | | | | | |
| Makkinarju u Apparat | 5,301.00 | 4,000.00 | 1,324.00 | (1,301.00) | (3,977.0 |
| Proġetti Speċjali | 37,907.00 | 55,000.00 | | 17,093.00 | (37,907.0 |
| | **43,208.00** | **59,000.00** | **1,324.00** | **15,792.00** | **(41,884.0** |
| **TOTAL** | 351,502.00 | 327,842.00 | 229,711.00 | (23,660.00) | (121,791.0 |

## *4.0 Dikjarazzjoni Rikonċiljatorja Bankarja*

### **Kont HSBC Bank Account** 071-115034-001

| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 595,742.62 |
|---|---|
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru 2019 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| Naqqas il-*withdrawals* li saru li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 18,848.78 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **576,893.84** |

| **Bilanċ fil-Ktieb tal-Bank fil-31 ta' Diċembru 2019** | 576,893.84 |
|---|---|
| Għodd l-interess li tħallas sal-31 ta' Diċembru 2019 | 0 |
| Naqqas ic-*charges* imħallsa sal-31 ta' Diċembru 2019 | 0 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **576,893.84** |

**Kont Bank of Valletta Savings 12415297027**

| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 6,989.32 |
|---|---|
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru 2019 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| Naqqas il-*withdrawals* li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 6,989.32 |

| **Bilanċ fil-Ktieb tal-Bank fil-31 ta' Diċembru 2019** | 6,989.32 |
|---|---|
| Għodd l-interess li tħallas sal-31 ta' Diċembru 2019 | 0 |
| Naqqas ic-*charges* imħallsa sal-31 ta' Diċembru 2019 | 0 |
| Bilanċ Nett tal-Bank | 6,989.32 |

**Rapport Amministrattiv – Damien Spiteri – 2019**

It-terminu tieghi bhala sindku tal-Munxar beda f'Lulju tas-sena 2019. Ghaldaqstant dan ir-rapport ser ikun qed jaghti harsa lejn il-punti ewlenin ta' hidma mwettqa ghall-perjodu bejn Lulju u Dicembru 2019.

Bhala sindku iffukajt hidmieti fuq dawn ir-responsabilitajiet li gejjin: Infrastruttura; Progetti; Komunitajiet; Sports u Attivitajiet Fizici u Zghazagh u Tfal.

**Infrastruttura**

Fil-qasam tal-infrastruttura tajna bidu ghal numru ta' progetti. Infatti fl-ewwel xhur inbdew ix-xogholijiet fuq il-progett ta' Triq il-Munxar. Dan kien jinvolvi l-bini mill-gdid tas-servizzi tal-ilma tat-triq, bini ta' *culverts* ghal ilqugh tal-ilma, bini mill-gdid ta' numru ta' bankini u finalment asfaltar mill-gdid tat-triq.

Il-Kunsill lokali applika ukoll ghall-fondi ewropej sabiex ikun jista jinstalla sistema ta' Wi-fi madwar il-lokalita.

Matul is-sena l-kunsill investa fi *street furniture* ghal gol-Pjazza tar-rahal.

**Progetti**

B'kordinament totali mall-Ministeru ghal Ghawdex sar it-tindif tal-Wied tax-Xlendi kif ukoll avvanzaw ix-xogholijiet fuq il-progett tad-Dry Standing Area fix-Xlendi. Il-kunsill lokali ukoll ghamel laqghat mall-Ministru ghal Ghawdex sabiex jaghti l-veduti tieghu kif ukoll ikun parti integrali fil-progett tal-Master Plan tax-Xlendi.

Sar hafna xoghol ukoll fir-rigward tal-progett tar-restawr tat-Torri tax-Xlendi. Infatti gie ffirmat il-kuntratt mall-kuntrattur li ha x-xogholijiet wara sejha ghall-offerti kif ukoll tnediet konsultazzjoni mall-Awtorita ghal-Ambjent u Rizorsi kif ukoll mas-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali.

Kif spjegat aktar 'il fuq inbeda ukoll il-progett ta' Triq il-Munxar.

Il-kunsill lokali nbarka ukoll fuq il-Progett tal-Pjazza tar-rahal. Infatti l-kunsill lokali rnexxielu jakkwista fondi sabiex isir dan il-progett. Matul is-sena saret il-pjanta finali relatata mall-progett wara konsultazzjoni pubblika. Il-Progett ser ikun jinkludi, pavimentar gdid, *street furniture*, rigenerazzjoni tas-shelters kif ukoll sistema kompletament gdida ta' dawl fost l-ohrajn.

Il-Kunsill Lokali applika ukoll ghall-fondi Ewropej sabiex jigu rrestawrati hitan tas-sejjieh fi Triq ix-Xadba.

**Komunitajiet**

Bhala kunsill lokali hdimna bis-shih fit-tishih tal-komunitajiet u l-qasam volontarju. Infatti gie organizzat programm ta' attivitajiet fis-Sajf bl-isem ta' *'I Love Xlendi Summer Events'*. Dan kien jinkludi fost l-ohrajn kant minn numru ta' gruppi u talent lokali ta kull

RECEIVED
26 MAR 2020
IL-MUNXAR

tmiem il-gimgha. Kien jinkludi ukoll l-organizzazzjoni tal-fjakkolata tradizzjonali. Fost attivitajiet ohrajn relatati kien hemm il-festival tac-Ceramika kif ukoll il-Gostra.

Attivitajiet ohrajn li gew organizzati kienu x-*Xlendi Sunset Festival* u *The Spectacular Show*. Dawn kienu zewg attvitajiet organizzati matul ix-xhur tas-Sajf fix-Xlendi bil-kollaborazzjoni tal-ghaqdiet tar-rahal.

Barra minn hekk matul is-sena 2019, gew organizzati numru ta' hargiet ghat-tfal, adulti u ghall-anzjani taghna b'diversi zjarat f'postijiet differenti inkluz f'Malta.

**<u>Sports u Attivitajiet Fizici</u>**

Matul is-sena dan il-qasam inghata l-importanza necessarja u infatti gew organizzati fost l-ohrajn numru ta' sessjonijiet ta' Keep Fit li kienu immirati ghall-adulti kif ukoll sessjonijiet ta' Yoga li kienu mmirati ghall-anzjani.

Barra minn hekk organizzajna ukoll sessjoni ta informazzjoni rigward l-ikel nutrittiv.

**<u>Zghazagh u Tfal</u>**

Bhala kunsill lokali organizzajna numru ta hargiet kuturali u attivitajiet edukattivi immirati specifikament ghal zghazagh u tfal. Barra minn hekk tajna sapport kontinwu lill-ghaqdiet volontarji tar-rahal li huma maghmula minn numru kbir ta zghazagh. Ghaldaqstant irnexxielna ninvolvuhom f'numru ta' attivitajiet li rnexxielna norganizzaw b'kollaborazzjoni bejnietna.

**Rapport ta' Ħidma**

It-terminu tiegħi fil-kunsill lokali tal-Munxar beda f'Lulju 2019 u ġejt assenjata dawn ir-responsabilitajiet:

1. Anzjani
2. Indafa
3. Manutenzjoni Ġenerali

Għaldaqstant ser inkun qed nagħmel referenza għall-ħidma tiegħi f'dawn l-oqsma hawn isfel.

Anzjani

Bħala kunsill nemmnu li l-anzjani huma sezzjoni importanti fis-soċjeta' tagħna u kapaċi jkunu ta' għajnuna u spirazzjoni kbira għalina. Matul din is-sena għamilna ħafna attivitajiet għall-anzjani tagħna fosthom sessjonijiet fiżiċi indirizzati speċifikament għal persuni minn 50 sena 'il fuq. L-iskop ta' dawn is-sessjonijiet kien sabiex il-parteċipanti jtejbu l-fiżika tagħhom u jħossuhom aktar b'saħħithom. L-enfasi kien preċizament fuq in-nifs, is-saħħa u l-mobilita u l-flessibilita tal-ġogi. Fejn l-attendenza għal dawn is-sessjonijiet kienet waħda sabiħa u nkoraġġanti. Provdejna wkoll bħala kunsill it-tilqima kontra l-influwenza b'xejn għal dawk il-persuni il' fuq min 55 sena ġewwa il-Berga tal-Munxar. Attivita oħra organizzata għall-anzajni fejn kellna numru sabih ta' konkorrenza hi meta għamilna ħarġa speċifikament għal anzjani billi dorna dawra bit-train u waqafna niklu u nilgħabu logħba tombla ġewwa wieħed mill-ħwienet fiż-Żebbuġ. Barra minn hekk organizzajna ukoll ħarga Malta għall-anzjani tagħna fejn fost l-oħrajn żorna l-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Monti tal-Birgu, il-Belt Valletta u l-Arka ta' Noe ġewwa s-Siġġiewi. Għal darba oħra l-attendenza kienet waħda nkoraġġanti u għalhekk timlina b'kuraġġ biex nkomplu norganizzaw aktar attivitajiet għal anzjani tar-raħal tagħna.

Indafa

Matul is-sena li għaddiet flimkien bħala kunsill ħdimna biex l-indafa fir-raħal tingħata spinta il-quddiem. Flimkien idduskutejna u ħadna miżuri rigward l-indafa li kienu ta' ġid u suċċess għal Munxar u x-Xlendi. Infatti għamilna pjan sabiex nizguraw li kull triq fir-raħal tinkines regolarment. Għaldaqstant żgurajna li nżidu l-kenniesa fit-toroq biex b'hekk kull rokna tar-raħal tkun nadifa. Miżuri oħra kienu jinkludu li nipprovdu is-servizz ta Kerbside Truck ġewwa il-Munxar u ix-Xlendi. Dan is-servizz ingħata b'kollaborazzjoni mall-Wasteserv u ġie pprovsut kull xahar. Ukoll ħadna ħsieb li nergħu nagħmlu l-skip fit-Triq Marziena għal-użu ta' skart goff. Ħadna ħsieb ukoll li bħala kunsill nipprovdu b'xejn lil familji tal-Munxar u ix- Xlendi il-boroz għall-skart organiku. Organizzajna ukoll ġurnata ta'ġbir tal-iskart madwar ir-raħal bħala parti mill-attivitajiet tal-World Clean up Day. Aktar minn hekk ġewwa ix-Xlendi flimkien bħala kunsill iddiskutejna mas-sidien tar-reastaurants biex insolvu il-probelma tal-iskart ġewwa ix-Xlendi. Dan għaliex fix-Xlendi jiġi ġġenerat numru konsiderevoli ta' skart kummerċjali u peress li huwa post turistiku hemm aktar lok għall-abbuż.

Manutenzzjoni Ġenerali

Il-manutenzzjoni hija ħaġa importanti ħafna ġewwa ir-raħal tagħna tal-Munxar u ix-Xlendi. Għalhekk huwa mporanti li l-manutenzjoni ssir b'mod frekwenti. Ftit mix-xogħlijiet li saru fl-ahħar sena kien il-bini mill-ġdid ta' bosta ħitan tas-sejjieħ li ġew irranġati wara li kienu ġarbu xi ħsarat kawża tal-maltemp. Ħadna ħsieb li l-manutenzzjoni isir malajar kemm jista jkun biex ma jkunx hemm periklu għall-pubbliku. Il-qtugħ tal-ħaxix ħażin fis-sqaqien tar-raħal huwa wieħed mix-xogħlijiet li nagħmluh regolarment ħalli b' hekk l-isqaqien tar-raħal ikunu aktar sbieħ u aċċessibli. Fost ħafna xogħlijiet oħra ta' manutenzzjoni wieħed jista jsemmi wkoll il-bankini li jiġu rranġati, il-bankijiet u ġonna li għadna madwar ir-raħal li jinżebgħu minn żmien għal żmien, is-siġar li jiġu miżbura regolarment,

25 MAR 2020 IL-MUNXAR

manutenzzjoni ġewwa il-bandli tar-raħal u bosta manutenzzjonijiet oħrajn li jinqalgħu matul is-sena kollha.

# Kunsill Lokali il-Munxar

25 ta' Marzu 2020

## Rapport Amministrattiv - Mark Busuttil

Wara li gejt elett fl-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali tal-25 ta' Mejju 2019 biex inservi bhala kunsillier fir-rahal ta' il–Munxar, it-terminu tieghi beda f'Lulju 2019 u jien gejt assenjat ir-responsabbilita ta' zewg oqsma. Dawn huma 'ix-Xlendi' u il-Qasam Socjali'.

Dan huwa rapport tal-hidma li flimkien ma shabi l-kunsilliera l-ohra wettaqna bejn Lulju u Dicembru 2019. Hdimna u tajna kemm stajna support lill-ghaqdiet volontarji tar-rahal (Munxar u Xlendi) u esponejna kemm stajna t-talent taz-zghazagh tar-rahal.

Hawn isfel ser inkun qed nelenka aktar fid-dettal il-hidma tieghi fiz-zewg oqsma li gejt fdat.

**Ix-Xlendi**

Matul ix-xhur tas-Sajf, gie organizzat il-programm 'I Love Xlendi' b'attivitajiiet organizzati mill-Kunsill b'ghajnuna finanzjara mill-Ministeru ghal Ghawdex u l-Ministeru ghall-Kultura. Ghal kwazi tlett xhur shah gew organizzati bejn attivita u tnejn fil gimgha bil-ghan li l-bajja tax-Xlendi tigi animata u nigbdu n-nies ghall-beneficcju tar-ristoranti u entitajiet ohra kummercjali tax-Xlendi. Dawn kienu jinkludu fost l-ohrajn, fjakkolati tul il-bajja tax-Xlendi kull nhar ta' Sibt, diversi bands u ix-Xlendi Ceramics Festival li sar sinonimu mal-bajja taghna. Il-programm dettaljat huwa dan li gej:

| Data | Attivita |
|---|---|
| 13 ta' Lulju | *Show by DCapital's Band* |
| 16 ta' Lulju | *Traditional illumination of bay with torchlight fires* |
| 20 ta' Lulju | *Traditional illumination of bay with torchlight fires & Show by Ix-Xlendi Folk Group* |
| 27 ta' Lulju | *Traditional illumination of bay with torchlight fires & Entertainment by Sarah* |
| 3 ta' Awwissu | *Traditional illumination of bay with torchlight fires & Seventh Edition of the Ceramics Festival* |
| 10 ta' Awwissu | *Traditional illumination of bay with torchlight fires & Acoustic Session – MAE* |
| 16 ta' Awwissu | *Xlendi Sunset Festival* |
| 17 ta' Awwissu | *Traditional illumination of bay with torchlight fires & Festa Band at various streets in Xlendi* |
| 18 ta' Awwissu | *Xlendi Feast & Gostra & Traditional illumination of bay with torchlight fires* |
| 24 ta' Awwissu | *Traditional illumination of bay with torchlight fires & Show by Kama Duo* |
| 31 ta' Awwissu | *Traditional illumination of bay with torchlight fires & Show by Atonal Brass* |
| 7 ta' Settembru | *Traditional illumination of bay with torchlight fires & Singing Show by Denise Mercieca & Mikaela Bajada* |
| 14 ta' Settembru | *Traditional illumination of bay with torchlight fires* |

Il-hidma fix-Xlendi ma kinitx tikkonsisti biss f'attivitajiet socjali pero barra minn hekk bhala kunsill lokali ghamilna numru ta' xoghol relatat ma numru ta' progetti fix-Xlendi.

KUNSILL LOKALI RECEIVED 26 MAR 2020 IL-MUNXAR

Infatti kkollaborajna mall-Ministeru ghal Ghawdex fit-Tindif tal-Wied tax-Xlendi kif ukoll fit-tkomplija tal-progett tad-Dry Standing Area. Nedejna ukoll numru ta laqgha mall-Ministru ghal Ghawdex rigward il-progett tal-Master plan tax-Xlendi.

Bdejna ukoll numru ta' xogholijiet marbuta mall-progett tar-restawr tat-Torri tax-Xlendi. Progett li ghalih il-kunsill lokali kiseb mall-350,000 ewro minn Fondi Ewropej.

Aghmilna ukoll sforz kollettiv sabiex intejbu l-indafa fil-lokalita. Infatti hadna diversi mizuri f'dan ir-rigward, fosthom iz-zieda ta' kenniesa madwar il-lokalita u numru addizzjonali ta' kontenituri tal-iskart madwar il-bajja.

**Il-Qasam Socjali**

F'dan il-qasam nedejna numru ta inizjattivi. L-iskop ta dawn l-inizjattivi kienu li nsahhu l-qasam tal-volontarjat fil-lokalita kif ukoll noholqu aktar sens ta komunita hajja u attiva.

Gew organizzati numru ta' attivitajiet relatati ma dan il-qasam li jinkludu sessjonijiet ta' Keep Fit, sessjonijiet ta Yoga kif ukoll numru ta hargiet specifici ghat-tfal, adulti u anzjani. Barra minn hekk ghamilna fic-cert li nkunu dejjem ta sostenn lil ghaqdiet volontarji fil-lokalita u ghaldaqstant ikkollaborajna maghhom fuq numru ta attvitajiet fosthom f'attivitajiet bhal Xlendi Sunset Festival, il-festa tax-Xlendi u attivitajiet tal-Milied.

Barra minn hekk bhala kunsill offrejna ukoll attivitajiet edukattivi fosthom dawk li jirrigwardjaw l-ikel li huwa addattat ghal dieta bilancjata kif ukoll organizzajna bl-ghajnuna ta' Dr. Timmy Gambin, arkeologu mill-Universita ta Malta, serata informattiva fuq il-vapur ta' zmien il-Fenici li jinsab mgherreq barra mix-Xlendi

**RAPPORT ANNWALI MINN LULJU 2019 SA MARZU 2020**

Avvenimenti Kulturali u Edukattivi u Innovazzjoni organizzatti mill-Kunsill tal-Munxar

Kont ingħatajt il-portafoll biex inkun responsabbli mill-promozzjoni kulturali u edukattiva u innovativa tal-lokal. B'appoġġ sħiħ mill-membri l-oħra tal-Kunsill, kif ukoll minn organizzazzjonijiet varji tar-raħal, sar koordinament ta' komunikazzjoni, tħejjija u twettiq ta' avvenimenti kulturali u edukattivi, li minnhom ibbenefikaw l-imsemmija ta' hawn fuq.

Flimkien mal-membri tal-Kunsill ħadt ħsieb il-koordinament tal-attivitajiet tas-sajf fix-Xlendi li kienu jsiru kull nhar ta' Sibt minn Lulju sa Settembru. Minbarra dan, bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda tal-Futbol tar-raħal, kull nhar ta' Sibt ukoll kienet issir fjakkolata li kienet tixgħel il-blat tal-bajja tax-Xlendi. Din l-atmosfera maġika kienet tkun akkompanjata minn *bands* lokali. Hawnhekk ħadna ħsieb li nippromwovu t-talent lokali.

Fit-30 ta' Lulju saret ħarġa għall-anzjani tar-raħal tagħna bit-trejn.

Fit-3 ta' Awwissu sar il-Festival taċ-Ċeramika fejn il-Kunsill ta l-appoġġ tiegħu biex għal darb'oħra seta' jkun ta' suċċess. Dakinhar infetħu l-mitħna u s-silos li għalihom id-dħul kien b'xejn għall-pubbliku.

Fis-16 ta' Awwissu, flimkien mal-għaqdiet kollha tar-raħal, ġiet organizzata t-Tieni Edizzjoni tas-Sunset Festival. Għal darb'oħra ġie esponut it-talent lokali.

Fis-17 ta' Awwissu l-Kunsill ta l-appoġġ biex setgħet tiġi organizzata l-festa tradizzjonali tax-Xlendi. Waqt il-festa ttella' The Spectacular Show - esebizzjoni piroteknika mill-Għaqda tan-Nar tal-Munxar. L-għada, il-Ħadd 18 ta' Awwissu, saret il-Ġostra bl-għajnuna tal-Kunsill.

Bejn Lulju u Settembru saru wkoll sezzjonijiet ta' Keep Fit għaż-żgħażagħ u l-adulti ġewwa ċ-Ċentru Parrokjali tal-Munxar.

Fis-17 ta' Settembru saret ġita għan-nies tal-kommunità tal-Munxar ġewwa Malta. Matulha żorna fost l-oħrajn is-Santwarju tal-Mellieħa, il-Palazz tal-

KUNSILL LOKALI RECEIVED 26 MAR 2020 IL-MUNXAR

Inkwiżitur, il-Monti tal-Birgu, kif ukoll qsamna għall-Belt Valletta minn Bormla permezz ta' dgħajsa, u saħansitra morna wkoll fiż-zoo tal-Arka ta' Noè.

Fl-20 ta' Settembru ġewwa x-Xlendi, il-pubbliku ġie offrut l-opportunità li jesperjenza l-iskoperta arkeoloġika unika fid-dinja tal-Galjun Puniku permezz ta' *3D Virtual Reality Display,* li uriet l-istat preżenti tiegħu. Din il-preżentazzjoni saret minn Dr Timmy Gambin.

Fil-21 ta' Settembru, bħala parti mill-attivitajiet ta' World Clean Up Day, ħadna ħsieb li ssir *clean up* fil-limiti tax-Xlendi flimkien mal-pubbliku inġenerali.

Fit-28 ta' Settembru saret preżentazzjoni fuq kif wieħed għandu jgħix ħajja sana.

Mit-30 ta' Ottubru sal-11 ta' Diċembru, saru sezzjonijiet ta' yoga għall-anzjani.

Fit-12 ta' Diċembru ġie organizzat Jum il-Munxar, fejn ingħata Ġieħ il-Munxar, u fejn ingħatat opportunità għat-tfal biex jiktbu poeżija jew jagħmlu tpinġija relatata mar-raħal tal-Munxar. Kull min ħa sehem ġie mogħti ktieb bħala tifkira. Kien hemm *feature* fuq dawk kollha li fil-passat ġew mogħtija dan l-unur. Is-serata kienet akkompanjata minn D-Capitals u spiċċat b'riċeviment.

Bejn l-14 u l-15 ta' Diċembru, flimkien mal-Għaqda tas-Sezzjoni Żgħażagħ Munxarin, ġiet organizzata La Magia Di Natale, fejn il-Munxar ospita numru ta' attivitajiet fosthom suq b'madwar għoxrin bankarelli, wirja ta' presepji, kant, żfin u logħob għat-tfal.

Fil-31 ta' Diċembru saret ħarġa għat-tfal madwar Għawdex fejn marru jaraw film fiċ-ċinema u ngħataw xi ħelu.

Fl-20 ta' Frar sar il-Karnival tal-Munxar fejn ħadu sehem bosta kumpaniji minn madwar Għawdex kif ukoll mill-Munxar stess. Dawk it-tfal kollha li ħadu sehem bil-kostum ingħataw prinjolata li hija l-ħelwa tradizzjonali tal-Karnival.

# Rapport Amministrattiv – Juliet Attard – 2019

Dhalt fil-kunsill lokali tal-Munxar f'Settembru 2019 u gejt fdata bir-responsabilitajiet tal-Ambjent; Harsien tal-Annimali u Integrazzjoni Socjali. F'dan il-perjodu qasir pruvajt naghmel mill-ahjar sabiex naghti l-kontribut tieghi fil-kunsill lokali.

Fir-rigward tal-Ambjent, hdimt flimkien ma shabi sabiex nizguraw li nzommu r-rahal taghna nadif. Infatti zidna n-numru ta' tindif fil-lokalita. Regolarment jinqata l-haxix hazin, isir il-knis ta' kuljum kif ukoll il-manutnezjoni kollha necessarja sabiex inzommu l-ambjen fir-rahal fl-ahjar stat possibli. Hadna hsieb li nizirghu ukoll numru ta' sigar taz-zebbug ohra fi Gnien Ragalna fil-Munxar kif ukoll fil-Pjazza tar-rahal.

Fir-rigward tal-harsien tal-annimali tajt kontribut fil-kunsill lokali sabiex jittiehdu l-mizuri kollha possibli f'dan ir-rigward. Iddiskutejt ukoll l-inizjattivi li flimkien mall-Ministeru ghal Ghawdex isiru *Cat Cafes* fejn l-annimali jkunu jistghu jingabru f'post wiehed u fejn tkun tista tinghatalhom l-attenzjoni u l-kura kollha mehtiega, b'koordinazzjoni mall-Animal Welfare.

Il-qasam l-iehor li gejt afdata bih kien l-integrazzjoni socjali. Dan il-qasam huwa relevanti hafna ghar-rahal taghna minhabba l-fatt li fir-rahal taghna joqghodu numru ta residenti ta nazzjonalita barranija. L-aktar numru ta nies ta nazzjonalita barranija joqghodu specifikament fix-Xlendi. Ghaldaqstant flimkien mall-kunsill naghmlu minn kollox sabiex kemm jista jkun nippruvaw ninkludu lil kull sezzjoni ta nies. Ezempju zghir ta dan huwa l-fatt li kull avviz li nibghatu fid-djar nibghatuh ukoll bil-lingwa ingliza sabiex il-barranin li jirrisjedu fir-rahal taghna jkunu jistghu jsegwu dak li jkun qieghed ghaddej fil-lokalita.

Din kienet ftit mill-hidma tieghi bhala kunsilliera fil-kunsill lokali matul il-perjodu ta' erba xhur tas-sena 2019.

KUNSILL LOKALI
RECEIVED
26 MAR 2020
IL-MUNXAR